# Kwadru Ta' Ġesù Salvatur Minn Mattia Preti Ġewwa l-Kalkara

**Dr. Simon Mercieca**



Wieħed mill-aktar bini importanti u storiku li hemm fil-Kalkara huwa bla dubbju l-knisja tas-Salvatur. Probabbilment, l-oriġini ta'din il-knisja jmur għall-aħħar tas-snin nofsana. L-ewwel knisja f'din iż-żona mhux magħruf meta nbniet waqt li dik preżenti tas-Salvatur, inbniet flok oħra li kienet tinsab fl-istess post. żgur li fuq il-post kien hemm knisja dedikata lis-Salvatur qabel l-Assedju tat-Torok tal-1565. Biss din il-knisja twaqqgħet fuq ordni tal-Gran Mastru La Valette biex ma tkunx tista' tintuża mit-Torok waqt l-assedju kontra l-Birgu. Imbagħad fis-sena 1580, Claudio Abela u Davide Burlò kitbu lil Gran Mastru ta' dak iż-żmien, La Cassiere, ħalli dan jagħtihom permess biex jirrestawraw dik il-knisja. Dawn iż-żewġ sinjuri kienu għamlu wegħda waqt l-assedju u wara li qalgħu li kienu talbu, xtaqu li dik il-wegħda jwettquha u l-Gran Mastru laqa' t-talba tagħhom.

Fis-sena 1680, din il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid skond id-disinn ta' Lorenzo Gafà li fassal knisja fuq disinn sessagonali b'altar wieħed. L-ispiża għamel tajjeb għaliha Fra Mario Bighi, li kien kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann u ried jibniha bħala memorja għal zijuh, Fra Giovanni Bighi, li hu wkoll kien kavallier tal-Ordni. Dan Fra Giovanni li miet fil-pesta li faqqgħet f'Malta fis-sena 1676, kien persuna importanti ħafna f'Malta dik il-ħabta. Kien neputi tal-Papa Alessandru VII li qabel ma laħaq Papa kien inkwizitur f'pajjiżna. Dan kien nobbli minn Siena li ġie flimkien ma' membri tal-familja tiegħu hawn Malta. Dawn xtraw biċċa art kbira bejn il-Kalkara u forte Ricasoli u bnew hemm il-palazz tagħhom. Dan il-palazz baqa' magħruf sal-lum bħala Villa Bighi.

F'din il-knisja l-Kavallier Mario Bighi waqqaf monument f'ġieħ zijuh Fra Giovanni Bighi. Waħda mir-rikkezzi li kienet mżejna bihom dik il-knisja kien il-kwadru tal-altar maġġur tagħha, xogħol tal-pittur Kalabriż ta' fama internazzjonali, Mattia Preti. Dan il-kwadru kien jiddomina l-altar maġġur u kien għalhekk il-*pala d'altare* prinċipali u l-aktar attrazzjoni important li kien hemm f'din il-knisja. Kien jiffigura t-Trafigurazzjoni ta' Ġesù fuq l-għolja Tabor. Kien minħabba dan it-titular li din il-knisja l-qadima baqgħet magħrufa bħala

tas-Salvatur, għaliex din il-festa l-kbira tal-knisja hija magħrufa magħna b'dan it-titlu.

Probabilment, dan il-kwadru spira kwadri oħra tas-Salvatur li jinsabu fil-knejjes tagħna. Forsi din kienet waħda mir-raġunijiet, minbarra dik li għamlu Preti, għala dan kien jitqies bħala kwadru ta' importanza kbira. Li hu żgur hu, li dan il-kwadru tas-Salvatur ta' Mattia Preti kien magħruf sew u jidher li kien meqjus bħala wieħed li kien kapulavur tal-arti ġa fi żmienu u baqa' meqjus bħala kwadru important anki wara. Dan jista' jkun detott minn żewġ ġrajjiet ewlenin relatati ma' dan il-kwadru.

Dan il-kwadru baqa' f'din il-knisja tul il-perjodu kollu tal-Kavallieri, jiġifieri minn meta ġie mpitter minn Preti sal-wasla tal-Franċiżi f'Malta. Kien magħruf sew man-nies tal-lokalita u baqa' fil-memorja kollettiva ghal ħafna snin wara li kien sparixxa minn din il-knisja.

M'hux ċar għala dan il-kwadru naqas u meta eżattament naqas minn din il-knisja. Skond tagħrif miġbur fil-bidu tas-seklu għoxrin, dan il-kwadru sabiħ kien tneħħa u meħud tul l-invażjoni Franċiża f'Malta. Dan jista' jfisser li dan seta' tneħħa meta l-Franċiżi sbarkaw fil-gżira iżda jista' jkun ukoll li tneħħa wara waqt il-perjodu qasir li damu fil-gżira, speċjalment ma' tul l-imblokk

Hemm żewġ raġunijiet ewlenin li setgħu wasslu biex sparixxa minn din il-knisja. Dawn ir-raġunijiet jgħoddu kemm jekk sparixxa mal-wasla tal-Franċiżi jew wara, jiġifieri meta l-Maltin qamu kontra tagħhom. L-ewwel raġuni hija dik li seta' tneħħa biex ikun protett ħalli ma jsofrix ħsara waqt l-inżul tal-Franċiżi fostna. Din ma tantx tista' tidher plawsibbli għaliex ma kinux twarrbu pitturi waqt dan l-inżul. Kien fatt normali li waqt inżul, suldati jagħmlu ħerba u jisirqu kull ma jsibu. Għalhekk it-tieni raġuni tista' tkun dik ta' serq. Anki hawn jista' jkun hawn ċertu diffikulta storika għaliex ma nafux bi stejjer ta' serq ta' pitturi kbar waqt l-inżul tal-Franċiżi f'Malta. Huwa fatt magħruf li l-Franċiżi ta' Napuljun, jew aħjar il-fizzjali, serqu kwadri artistiċi, speċjalment mill-Italja, biss fatti bħal dawn ma ġewx reġistrati f'Malta. L-aktar li ħaġa li kienet fil-mira tal-Franċiżi ta' Napuljun f'Malta kienet il-fidda biex idewbuha biex issir muniti u jitħallsu bihom s-suldati. Kien prinċipju ekonimku bażiku tal-gwerra fil-passat, li t-tellief ried iħallas u jagħmel tajjeb għall-armata tar-rebbiegħ. Jista' jkun li f'din l-atmosfera ta' taqlib, kien hemm xi ħadd li kellu interess fil-kwadru, sab l-opportunità, approfitta ruħu mill-fatt li f'dak iż-żmien l-imwiegħer ta' gwerra dawk l-inħawi tal-Kalkara kienet ta' abbandun, u ħadu.

It-tieni raġuni tista' tkun relatata mal-qawmien tal-Maltin kontra Franċiżi. Bħal ma wieħed jaf, il-perjodu tal-Franċiżi f'Malta kien wieħed qasir ħafna. Il-Maltin qamu kontra l-Franċiżi nhar it-2 ta' Settembru 1798, jiġifieri tliet xhur wara li waslu f'pajjiżna bir-riżultat li l-Franċiżi ngħalqu wara l-fortifikażżjonijiet tal-bliet, jiġifieri, Forte Manoel, il-Belt u l-Furjana, il-Kottonera, u Forte Ricasoli. L-arja tal-Kalkara kienet fiż-żona li taqa' direttament

taħt in-nar tal-kanuni għaliex f'każ ta' assalt hija kienet tinlaħaq kemm mill-kanuni li kien hemm il-Birgu, il-Belt u kemm minn dawk tal-Forti Salvatur u dawk tal-Forti Ricasoli. Għalhekk seta' tneħħa biex f'każ li l-knisja tinlaqat, dan il-kwadru ma jintilifx. Infatti, oġġetti li kienu meqjusa ta' valur kbir reliġjuż, bħal ma kien il-kurċifiss il-kbir li kien hemm ħdejn il-kunvent tal-Kapuċċini, fl-istess lokalità, kien tneħħa u ttieħed iż-Żejtun. Forsi dan il-kwadru kien għadda mill-istess esperjenza.

It-tieni ipoteżi li seta' nsteraq tul l-imblokk. Din hija probabbli għaliex f'dan il-perjodu, din iż-żona kienet waħda diżabitata sew. Biss l-aktar ipotesi qawwija li kienet teżisti tul is-seklu dsatax kienet dik li dan kien voluntarjament tneħħa u mbagħad qatt ma reġa' twaħħal meta l-imblokk spiċċa u maż-żmien intilfet kull traċċa ta' fejn seta' spiċċa dan il-kwadru.

Liema waħda minn dawn ir-raġunijiet kienet dik għala dan il-kwadru sparixxa qatt ma se nkunu nafuha fiż-żgur. Biss dawn il-fatti kollha juri li dan il-kwadru kien meqjus bħala wieħed importanti matul iż-żmien tal-Ordni u ta' valur artistiku għoli. Kieku ma kienx hekk, ma kienx jonqos minn din il-knisja. In-nuqqas ta' dan il-kwadru ħasad lill-komunità ż-żgħira tal-Kalkara ta' dak iż-żmien kif ukoll lill-knisja Parrokkjali tal-Birgu; li minnha din il-knisja tas-Salvatur kienet tagħmel parti qabel ma l-Kalkara saret Parroċċa indipendenti. Il-qassisin u eventwalment, wara li din il-knisja Parrokkjali tal-Birgu kienet saret kolleġġjata, il-kanonki tal-lokal baqgħu juri interess fil-każ u insistew ħafna tul is-seklu dsatax biex dan il-kwadru jinstab u jerġa' jitqiegħed f'postu. Biss, l-isforzi tal-Kappillani, u eventalment l-Arċipriet u sħabu l-kanoniċi ma' waslu mkien. Dan il-kwadru baqa' ma nstabx.

Membri tal-kapitlu baqgħu ifittxu anki sa mitt sena wara ħalli jaraw dan il-kwadru fejn kien sab ruħu. L-aħħar kanonku li kien għamel antentat iddisprat biex isibu, kien Dun Giuseppe Cassar. Dan il-kanonku tal-Birgu kien bniedem li jħobb l-istorja ta' Malta, b'mod partikolari dik tal-Birgu. Kien bniedem erudit li ppubblika tagħrif dwar l-istorja tal-Birgu fil-ġurnali Maltin ta' żmienu. Inħatar Kappillan tal-flotta u allura billi kien iservi fl-isptar military ta' Bighi kien juża din il-knisja tas-Salvatur bħala l-bażi pastorali tiegħu. Cassar kien ingħata l-onorifiċenza ta' Prelat Domestiku ta' Sua Santità u allura kellu t-titlu ta' Monsinjur. Anki wara li l-Kalkara saret Parroċċa indipendenti, Cassar baqa' jitħabat biex dan il-kwadru jinstab. Minħabba x-xogħol pastorali tiegħu fl-isptar navali u kien jaħdem fil-limiti tal-Parroċċa tal-Kalkara. Hu kien għadda informazzjoni dwar l-istorja ta' din il-knisja tas-Salvatur fl-4 ta' Novembru 1916 lill-Ammiraljat f'dak li jista' jitqies l-aħħar antentat biex dan il-kwadru jinstab.

L-okażżjoni ġiet meta l-Rear-Ammiral tat-Tarzna, G.A. Ballard qabbad lil ċertu W.A. Griffith biex jikteb l-istorja tat-Tarzna. Griffith spiċċa r-riċerka u l-kitba tiegħu dwar it-Tarzna f'Mejju ta' 1917. Meta lesta dan ix-xogħol, semmiegħ *A BRIEF OUTLINE OF THE FOUNDATION AND DETACHMENTS OF H.M. NAVAL ESTABILISHMENTS AT MALTA.*

Dan il-ktieb inkiteb fi sfond ta' taqlib politiku, soċjali u ekonomiku kbir għal Malta. Il-ħaddiema tat-Tarzna kienu qegħdin jitolbu titjib fil-salarji. Bdew jiġu pubblikati ġurnali, inkluż bil-Malti, li kienu jħeġġu l-ħaddiema jitolbu aktar dritti u żidiet fil-paga. Dan it-taqlib kompla jikber minħabba l-ewwel gwerra li matulha n-numru ta' ħaddiema fit-tarzna kien tela' għal numru ta' 'l fuq minn 13,000 ħaddiem. Tmien il-gwerra wassal biex jibdew jingħataw is-sensji mit-tarzna, fatt li wassal għal protesti kbar mill-ħaddiema u kien waħda mir-raġunijiet tal-rvellijiet li baqgħu magħrufa bħala dawk tas-Sette Giugno, li ma' tulhom kienu nqatlu sitt persuni, erbgħa waqt l-irvellijiet u tnejn oħra fil-jiem ta' wara bil-ġrieħi li kienu ġarrbu meta s-suldati Ingliżi fetħu n-nar fuq il-Maltin.

Ir-Rear-Admiral Ballard ried jikkumbatti l-propaganda anti-Ingliża billi jippubblika ktieb fuq l-istorja tat-Tarzna u l-glorja tagħha. Kien hawn li qabbad lil Griffith biex jikteb dan il-ktieb li fih ġabar ħafna tagħrif dwar l-istorja tat-tarzna u informazzjonijiet relatati ma' din l-industrija. Ikun f'dan l-istadju, li Griffith jidher li kkuntattja lil Dun Guzepp Cassar biex jagħtih informazzjoni storika dwar din il-knisja tas-Salvatur. Ir-raġuni għala Griffith kien interessat fil-knisja tas-Salvatur kien ġej mill-fatt li din kienet tinsab ftit metri bogħod mill-isptar navali Ingliż ta' Bighi li nbena fil-ġonna l-kbar li darba kienu jagħmlu parti minn Villa Bighi.

L-importanza ta' din il-knisja għall-Ammiraljat Ingliż kienet ġejja mill-fatt ukoll li hija kienet tinsab mibnija f'żona meqjusa mill-istess ammiraljat bħala waħda *'healthy'* jiġifieri li kienet ġeografikament b'arja tajba. Dan l-aspett ta' post b'arja tajba kien imfittex ħafna mill-Ammiraljat u l-Militari fl-għażla għal bini ta' sptarijiet tagħhom. Issa fost il-baħħara Ingliżi, kien hemm baħħara kattoliċi u s-servizzi reliġjużi ta' dawn il-baħħara, speċjalment jekk kienu Maltin, kienet tieħu ħsiebhom il-Knisja Maltija. Minħabba li l-knisja tas-Salvatur kienet viċin ħafna ta' dan l-isptar, din bdiet tintuża bħala l-bażi pastorali għal Kappillan Kattoliku navali li kien iservi f'dan l-isptar.

Issa minħabba li kien sptar Navali, infatti kien jissejjaħ *'the Royal Naval Hospital'*, dan kien jitmexxa bħat-Tarzna mill-ammiraljat u għalhekk ġie inkluż minn Griffith fl-istorja tat-tarzna.

Dun Ġużepp, ta' persuna li jħobb l-istorja ta' pajjiżu li kien, ħa l-opportunità biex jinkludi dan id-dettall żgħir dwar it-telfin ta' dan il-kwadru importanti ħalli bil-pulit u b'mod edukat iqajjem l-interess tal-Rear Ammiral Ballard lejn it-telfin ta' dan il-kwadru u biex forsi dan l-ammiral jieħu inizjattiva u jipprova jsib dan il-kwadru ta' Preti. Fi kliem ieħor, permezz ta' din ir-referenza kienet qiegħed jipprova jibgħat messaġġ pulit lil Gvernatur Ingliż f'Malta, permezz tal-Ammiral ħalli l-Gvernatur jixpruna lill-pulizija, li kienet taqa' taħtu, biex isibu dan il-kwadru li kien naqas minn din il-knisja aktar minn mitt sena qabel. Min-naħa tiegħu, Griffith jieħu din l-opportunità biex jinkludi dan it-tagħrif storiku miġbur minn Dun Ġużepp Cassar fl-appendiċi li pprepara biex jikkumpanja din l-istorja li hu kien qiegħed jikteb fuq it-tarzna.

Finalment dan il-ktieb ta' Griffith ma ġiex pubblikat. L-Ammiraljat Ingliż ġewwa Londra ma jibqax jara l-bżonn tiegħu, speċjalment wara li ġie Malta l-Gvernatur Plumer li kkalma l-affarijiet. Baqa' biss manuskritt ittajpjat li b'xorti tajba tħalliet koppja ta' dan il-manuskritt depożitata ġewwa l-Bibljoteka Nazzjonali fil-Belt. Din l-ittra li qiegħed nippubblika ta' Dun Guzepp Cassar dwar dan il-kwadru u l-istorja tal-Knisja tas-Salvatur hija meħuda mill-appendiċi ta' dan il-manuskritt.

HISTORICAL NOTES relative to the ROMAN CATHOLIC CHURCH near the ROYAL NAVY HOSPITAL, BIGHI.

(These notes were gathered from old documents kindly lent by the Rector of the Church, translated and put together in a chronological form by the Right Reverend Monsigner Cassar, R.C.Chaplain to H.M.Fleet and R.N.Hospital at Malta).

::::::::::-::::::::::

The Church is dedicated in honour to the most Holy Saviour, and is situated on a lofty and healthy position adjacent to the R.N.Hospital, Bighi, and only a few yards distant from its main entrance. This place of worship dates from immemorable times, and the year of the erection of the first Church, which existed on the same spot, could not possibly be traced out. It is, however, recorded in the notes of still existing old documents relative to the so-called "Periodical Pastoral Visitation", made by the Bishops of Malta to the said Church, that another Temple dedicated also to Our Divine Saviour was erected on the same site and was demolished by order of the Grand Master La Valette in the year 1565, during the siege of Malta by the Turks, in order not to serve as a landmark against the Borgo, (now called Vittoriosa after the victory over the Turks), where the Grand Masters had their residence and the Knights of the Order of St. John their Head Quarters at the time.

In the year 1580, Claudio Abela and Davide Burlo', both of noble origin and very wealthy petitioned Grand Master La Cassiere to permit them to restore the Church in fulfillment of a vow, which they had made during the siege already mentioned, and the Grand Master promptly granted their request.

In the year 1676, the plague broke out in Malta and during its prevalence the most Noble Prior Fra Giovanni Bichi was one of the Victims of the contagion. The Noble family Bichi, who had connections with the Order of the Knights of St. John, came from Siena (Italy) to Malta with intention of settling themselves down, and remaining on the island. Some years previous to the outbreak of the plague, they had bought the point and great portions of grounds between Calcara and Rinella Bays, (where now is the R.N.Hospital). and there they had built a beautiful and comfortable Palace, surrounded by gardens, which they named "Villa Bighi".. This Palace is now the Central Building of the

R.N.Hospital, which still retains the name of Bighi, and is known as Bighi Hospital.

It is, however wirth nothing that the Most Noble Prior Fra Giovanni Bichi was a nephew of Pope Alexander VII, who, before his election to the Pontificate, was sent as Inquisitor at Malta in the year 1634, (1634 to 1639), and had his residence at the Inquisitor's Palace, a large and imposing building which can be seen even to this day, and is situated in Strada Porta Maggiore, one of the principal streets of Vittoriosa. His name, while Inquisitor at Malta, was Monsigner Fabio Chigi.

In the Chapel Hall of the Collegiata and Parish Church of the same town dedicated to St. Lorenzo, Martyr, is still preserved, among many valuable gifts of Grand Masters to the Church, a chasuble of rich brocade, bearing the coat of arms of Chigi Family, in a shield surmounted with the Pope's triple crown.

It is recorded that this chasuble was sent by Pope Alexander VII as a gift to perpetuate his connections with the old Church of St. Lorenzo, Martyr, which was the Conventual Church of the Order of the Knights of St. John at that time.

In the year 1680, the Church was rebuilt from new foundations according to the plan and design made by Lorenzo Gafa' a renowned Maltese Architect. The amount of the expenses incurred in its construction was paid by Fra Mario Bichi, a Knight of the Order of St. John and nephew of the Most Noble Prior Fra Giovanni Bichi. This Knight erected in the Church a monument in memory of his uncle, who, as already recorded, died of plague in the year 1676. The monument is still in the Church and is in excellent state of preservation. The principal picture above the main altar representing the Transfiguration of Our Lord on Mount Tabor was the work of the celebrated painter Mattia Preti. This beautiful picture was, however, removed and taken away during the French invasion of Malta.

The last described Church is the present existing one; its form and architecture is sexagonal, it has one altar, and the monument in memory of the Most Noble Prior Fra Giovanni Bichi is fixed on the left entrance or Gospel side of the Church.

The Church is considered to be a fine specimen of old architecture and it can accommodate about 70 or 80 worshippers.

Malta, 4th. November 1916,

(signed) . J.Cannon Cassar.
Dom: Prel: to H.H.